MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 572/2005/1

**Perit Caroline Caruana**

**vs**

**Is-socjeta` George Properties Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Lulju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fis-7 ta' Dicembru, 2005 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, tminn mija u erbgha u ghoxrin lira, u sebgha u sittin centezmu (Lm2,824.67) dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-mittenti ghal servizzi professjonali rezi mill-mittenti lis-socjeta'

konvenuta kif spjegat ahjar fir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dokument C1 datat tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru 2005 u dan in konnessjoni ma’ progetti f’Hal Luqa u f’Haz-Zabbar kif indikat fl-imsemmi rendikont, bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ ittra ufficcjali datata ghaxra (10) ta’ Novembru sena elfejn u hamsa (2005) kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C2, debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Illi preliminarjament hafna mis-servizzi rezi u li huma msemmija fir-rendikont anness ma’ l-avviz ma gewx rezi lill-eccipjenti izda lil persuni ohra u ghaldaqstant fir-rigward tat-talbiet relattivi ghal dawk is-servizzi partikolarment l-eccipjenti ma hijiex il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata minn l-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kull debitu illi s-socjeta’ eccipjenti kellha ma’ l-attrici gie saldat u mhallas kollu, u l-eccipjenti ma ghandha xejn xi thallas lill-attrici.

3. Illi fil-fatt l-attrici kienet harget talbiet ghal hlas a saldu liema talbiet gew imhallsa u sussegwentement hargu ricevuti a saldu kif ukoll l-awtorizzazzjoni bil-miktub ta’ l-attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta tkun tista’ tappunta perit iehor (change of architect certificate),

4. Illi kien sussegwentement wara li nqala xi dizgwid bejn il-partijiet fuq dikjarazzjoni qarrieqa li kienet ghamlet l-attrici ma’ l-Awtorita’ ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar u sahansitra wara li kienet giet ezonerata minn l-inkarigu taghha, illi l-attrici kellha bidla fil-hsieb u baghtet kont gonfjat grossolanament lill-eccipjenti.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fuq linja subordinarja, t-talbiet ta' l-attrici huma ezagerati u ma humiex dovuti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni professjonali meta s-socjeta' konvenuta kienet qabbdet lill-attrici sabiex tkun il-perit f'diversi progetti illi s-socjeta' kellha. Fost dawn kien hemm progetti Hal Luqa u Haz-Zabbar. Din ir-relazzjoni professjonali baqghet sejra minn Dicembru 2004 sa Marzu 2005 fejn f'daqqa wahda kiesah u biered George Borg il-proprjetarju tas-socjeta' konvenuta ddecieda li jwaqqaf l-inkarigi kollha li kien ta lill-Perit Caruana u kompla x-xoghol mal-Perit Ronald Muscat Azzopardi. Irrizulta illi George Borg kien jaf lill-attrici meta dina kienet tahdem bhala Perit fl-ufficcju tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi, izda kien biss li wara li l-attrici bdiet tahdem ghal rasha, li George Borg kien qabbadha taghmel xi xoghol. Meta George Borg kien wera l-intenzjoni illi ma jkomplix bis-servizzi moghtija mill-attrici, dina baghtet il-kont tax-xoghol professjonali li kienet ghamlet, izda jidher li f'dan l-istadju r-relazzjonijiet bejn l-attrici u George Borg ma tantx kienu tajbin u s-Sur Borg ma riedx ihallas ghall-ammonti li kienet qed titlob il-Perit Caruana, liema ammonti rrizulta li kienu regolari u skond it-tariffa 'K' tal-Periti, wkoll konfermata mill-Kamra tal-Periti kif jidher mid-dokument a fol 39 tal-process.

Fil-kors ta' din il-kawza qamet il-kwistjoni dwar *"change of architect's form"* ghall-'*application number'* 0836/05 Dokument CC 9 a fol 28. Fuq

dan id-dokument tidher il-firma tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi imma fejn suppost hemm il-firma tal-perit li tkun qieghda titlaq ix-xoghol, hemmhekk hemm firma li ma kienetx tal-Perit Caruana. Il-Perit Ronald Muscat Azzopardi spjega lill-Qorti illi dik it-tieni firma kienet tieghu, izda kkonferma wkoll li ma ndikax isem u lanqas ma ghamel it-timbru ta' l-ufficcju tieghu. Iggustifika dan l-agir billi qal illi l-progett kien jinvolvi bini fuq progett li kien beda hu u peress li l-ewwel parti tal-binja kienet responsabbilta' tieghu, deherlu illi kien gustifikat jaghmel iz-zewg firem tieghu!

Fid-dokument CC 11 a fol 30 ukoll formola ta' *"change of architect"* hemm il-firma genwina tal-Perit Caroline Caruana u l-mankanza li kien fiha c-certifikat ta' qabel giet sanata b'din it-tieni wahda. Jibqa' l-fatt pero' illi l-Perit Ronald Muscat Azzopardi ma mexiex skond l-etika u lanqas ma wera responsabbilta' professjonali meta ffirma fuq iz-zewg partijiet, fl-ewwel formola Dokument CC 9, aktar u aktar meta ma identifikax it-tieni firma bhala tieghu stess, anzi ta l-impressjoni illi kienet ta' haddiehor billi ghamel data differenti hdejn it-tieni firma tieghu. Din in-nuqqas ta' identifikazzjoni turi l-animu li kellu dakinhar il-Perit Ronald Muscat Azzopardi fejnipprezenta dokument li kien ighid xi haga li setghet ma kienetx vera. Hi x'inhi pero' dan il-progett ma kellux x'jaqsam mal-progetti ta' Hal Luqa u Haz-Zabbar illi taghhom l-attrici qieghda titlob il-hlas.

Ikkunsidrat:

Mistoqsi l-ghaliex dan il-hlas baqa' ma sarx u ghaliex is-socjeta' konvenuta ddecidiet illi ma tkomplix bis-servizzi tal-Perit Caruana, George Borg qal li ma kellu xejn kontra l-integrita' u l-kapacitajiet professjonali tal-Perit Caruana, pero' peress li dina kienet qed t'opera bhala ufficju mid-dar taghha stess, hassu skomdu illi jmur ghandha u ghalhekk iddecieda illi ma jkomplix bis-

servizzi taghha. Is-Sur Borg ta din l-iskuza l-ewwel darba fl-awla tal-Qorti u qatt ma weriha lill-Perit Caruana. Il-Qorti jidhrilha illi dina hija skuza fjakka ghall-ahhar li ma taghmilx gieh lill-professjoni tal-Perit Caruana, illi l-Qorti hija konvinta mxiet dejjem b'integrita' skond l-ahjar dettami tal-professjoni ta' perit. Irrizulta wkoll li ma kienx minnu dak illi allega s-Sur Borg illi meta ddecieda li ma jkomplix bis-servizzi taghha, l-attrici marret il-MEPA sabiex tirtira l-applikazzjoni li kienet ghamlet f'ismu.

Skond ix-xhieda ta' Ivor Robinich a fol 48 in rapprezentanza tal-MEPA, mill-file rrizulta biss illi l-progett beda mill-attrici u gie kompletat minn perit iehor. Id-dokumenti a fol 28 u 30 li huma c-*"change of architect's form"* qeghdin fil-file. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' konvenuta mhijiex gustifikata illi zzomm lura l-pagamenti dovuta lill-attrici ghas-servizzi professjonali lilha rezi u filwaqt illi ma tistax tindahal fl-ghazliet illi taghmel is-socjeta' konvenuta ghall-periti taghha, madankollu lanqas ma tista tabdika mir-responsabbilta' taghha li thallas ghal servizzi professjonali rezi, liema servizzi f'dan il-kaz gew gustament prestati mill-attrici li timmerita hlas.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' €6579.71 (Lm2,824.47) dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-attrici ghal servizzi professjonali rezi lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' progetti f'Hal Luqa u f'Haz-Zabbar.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta. L-ilment generali taghha jikkonsisti minn kontestazzjoni ta' l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti. In partikulari, hi tillanja illi:-

(1) Ma gewx indirizzati l-eccezzjonijiet kollha taghha. Senjatament, li hi ma kienetx responsabbli sabiex thallas ta' progetti li ma kienux taghha;

(2) L-ewwel Qorti naqset li taghmel distinzjoni bejn talba ghal hlas ta' dak li kien diga` rez u talba ghal-likwidazzjoni tad-danni minhabba terminazzjoni prematura ta' l-appalt;

(3) Is-servizzi rezi mill-attrici kienu debitament imhallsa. F'dan il-kuntest tissottometti illi ma setax ikun li l-attrici harget kontijiet fil-forma ta' "talba ghal depozitu" meta kienet taf li r-relazzjoni professjonali taghha kienet intemmet, u kienet iffirmat il-formula tac-"*change of architect*";

(4) Il-kont hu esagerat u l-attrici ma kienetx intitolata tithallas ghal progett li ma immaterjalizzax;

(5) L-attrici ma ggustifikatx il-kontijiet minnha mahruga;

(6) L-inkarigu fuq l-appalt gie terminat ghaliex l-attrici ma kienetx tahdem b'certa professjonalita`;

Jaghmel sens li dawn il-lanjanzi jigu kkunsidrati kollha flimkien in kwantu fis-sustanza ghandhom diversi punti ta' kuntatt wahda ma' l-ohra. Naturalment, f'dan l-ezercizzju ma jistax jonqos li whud minnhom jigu dibattuti f'aktar dettal;

Bhala principju ta' dritt in meritu ghall-ezistenza, *o meno*, tar-rapport guridiku bejn il-kontendenti, imqeghda ghab-bazi ta' l-ewwel eccezzjoni mis-socjeta` konvenuta, jinsab profess mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** illi "*il rapporto*

*di prestazione d'opera professionale la cui esecuzione sia dedotta dal professionista come titolo del diritto al compenso, postula l'avvenuto conferimento del relativo incarico in qualsiasi forma idonea a manifestare inequivocabilmente la volontà di avvalersi della sua attività e della sua opera da parte del cliente convenuto per il pagamento di detto compenso. Ciò` comporta che il cliente del professionista non è necessariamente colui nel cui interesse viene eseguita la prestazione d'opera intellettuale, ma colui che stipulando il relativo contratto ha conferito incarico al professionista ed è conseguentemente tenuto al pagamento del corrispettivo. La prova dell'avvenuto conferimento dell'incarico, quando il diritto al compenso sia dal convenuto contestato sotto il profilo della mancata instaurazione di un siffatto rapporto, grava sull'attore*" (**Cass. 4 ta' Frar, 2000, Numru 1244**);

Applikat dan il-hsieb ghall-fattispeci tal-kaz in ezami hi l-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti illi:-

1. Fattwalment, l-inkarigu affidat lill-attrici fuq iz-zewg progetti sar minn George Borg ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` konvenuta. Dan johrog mhux biss mix-xhieda ta' l-attrici appellata (fol. 80) izda huwa desumibbli wkoll mid-deposizzjoni tar-rapprezentat tas-socjeta` konvenuta fejn jistqarr in kontro-ezami illi l-hlas ghax-xoghol professjonali mill-attrici assumietu l-kumpanija konvenuta (fol. 125). Difatti, l-*VAT receipts* mahruga lilu mill-attrici ma gewx lanqas ikkontestati minnu;

2. Guridikament, ir-rapport negozjali instawrat ghandu mill-figura tal-*locatio operis*, kif dan il-kuntratt hu definit mill-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Hu proprju dan ir-rapport li jippostula l-konferiment ta' l-inkarigi specifici moghtija lill-attrici f'dan il-kaz;

Jinzel minn dan illi la l-prestazzjonijiet mill-attrici ma kienux gratuwiti din kienet intitolata ghall-hlas taghhom. Fl-assenza, imbaghad, ta' ftehim minn qabel kellu jsegwi li

jkun applikat ghal fattispeci l-kriterju generiku li jsegwi skond l-Artikolu 1624, Kodici Civili, ossija skond il-ligi. Issa, kif saput, il-ligi fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili telenka dawk it-tariffi li huma dovuti lill-periti ghal prestazzjonijiet minnhom esegwiti. Maggorment dawn huma fil-forma ta' massimu u minimu ghall-iskop tal-fissazzjoni tal-kumpens skond ix-xorta tal-prestazzjoni. L-ewwel Qorti jidher li kienet sodisfatta illi l-kumpens mitlub f'dan il-kaz kien jaqa' fil-parametri tat-tariffi stabbiliti, kif apprezzat ukoll mill-Kamra tal-Periti fid-dokument a fol. 39. Is-socjeta` appellanti tikkuntrasta dan principalment fuq dawn il-binarji:-

(1) L-attrici kienet diga` harget kont ghall-prestazzjonijiet taghha u l-hlas skond dak il-kont sar lilha u gie sodisfatt;

(2) Il-kont ma' liema hi abbinata t-talba hu esagerat;

(3) Dak li effettivament kienet qed titlob l-attrici kien hlas ghad-danni u mhux ghas-servizzi professjonali rezi;

In bazi ghar-rizultanzi processwali u tal-principji regolaturi li jghoddu, hi l-fehma ponderata ta' din il-Qorti illi l-ebda wiehed mill-argomenti dedotti mis-socjeta` appellanti ma jisthoqqlu li jkun akkolt. Fir-rigward din il-Qorti qed taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) Mill-*punto di vista* tal-valutazzjoni fattwali jidher li meta l-attrici giet imwaqqfa milli tkompli mill-inkarigu taghha u harget il-kont taghha, dan ma kienx mahsub li jkun wiehed finali izda biss provizorju. Minn ebda dikjarazzjoni, ricevuta jew dokumenti ma jirrizulta, jew jista' jigi interpretat, illi l-hlas li sarilha b'dak il-kont kien wiehed ghas-saldu jew moghti valur ta' kwittanza f'dan is-sens. Pjuttost il-kontra hu l-kaz, u cjoe, li l-attrici rrizervat id-dritt ghas-somma magguri dovuta lilha skond it-tariffi. L-ebda cirkostanza ohra *aliunde* ma twassal biex jinghad illi dak il-kont, jew ir-ricevuta relattiva ghal hlas tieghu, ma kellha tissarraf bhala xi intenzjoni koxjenti da parti ta' l-attrici illi hi riedet tirrinunzja ghall-kumplament

tad-drittijiet tariffarji spettanti lilha skond il-ligi. Biex dan seta' jkun hekk il-kaz, dik ir-rinunzja, anke jekk talvolta implicita, riedet tkun univoka, preciza u, obbjettivament, konkludenti, b'mod li minnha wiehed ma setax hlief jiddeduci illi l-attrici kienet qeghda volontarjament tabdika d-dritt taghha ghal hlas ulterjuri. F'dan il-kaz ma jinsab raffigurat ebda estrem ta' rinunzja bhal din. Lanqas ghal fatt li l-attrici ffirmat il-formula tac-*change of architect*. Dan anke ghaliex rinunzja ta' drittijiet trid tkun accertata b'rigur assolut, u tali, fil-fehma tal-Qorti mhix dezumibbli minn dak id-dokument *ut sic*. L-attrici setghet allura tagixxi in gudizzju ghall-accertament ta' l-ammont li kien ghadu insodisfatt u ghall-kundanna tas-socjeta` appellanti fir-rigward;

(2) In linea generali l-attrici ddizempjat ruhha mill-piz li tipprova li hi espletat l-inkarigu lilha affidat sal-mument tat-terminazzjoni tieghu. Dak l-inkarigu kien jikkonsisti f'wiehed ta' prestazzjonijiet professjonali, u ghal dawn gie mitlub il-hlas. Frankament, din il-Qorti ma tarax f'hiex jiccentra l-argoment tas-socjeta` appellanti illi b'dik it-talba taghha l-attrici kienet qeghda tippretendi hlas ta' danni bhallikieku r-rapport negozjali kien inerenti ghal dak ta' appalt. Fil-konkret, il-konkors ta' l-elementi probatorji bl-ebda forma ta' immaginazzjoni, u taht l-ebda profil, ma jwasslu ghall-interpretazzjoni irragonevoli bhal din;

(3) Manifestament, imbaghad, il-pretiza ghall-hlas reklamat hi ben altru milli ezagerata ghax bazata fuq konsiderazzjoni ta' kompletar ta' progett. Huwa indikattiv, kemm fuq l-istregwa tat-tariffi applikabbli skond "Tariffa K" fil-Kapitolu 12, kif ukoll dik ta' l-ispjegazzjoni moghtija mill-Kamra tal-Periti illi dik l-istess pretiza ghall-prestazzjonijiet realizzati ghandha l-konfort u s-sostenn tal-ligi. Bil-kontra ta' dak sottomess mis-socjeta` appellanti wkoll hawnhekk l-attrici appellata rnexxielha tiskarika l-oneru impost fuqha b'gustifikazzjoni tas-somma bilancjali legittimament dovut lilha;

Fl-ahharnett, din il-Qorti ma tistax tonqos milli tirraviza l-frivolita tas-sottomissjoni illi l-inkarigu ta' l-attirci gie

terminat ghal motiv ta' nuqqas ta' impenn professjonali minnha. *Ex admissis*, hu koncess dan mir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti: "Nerga' intenni li jien kelli kull fiducja fl-abilita` tal-Perit Caruana u ma komplejtx bis-servizzi taghha ghas-semplici raguni li ma kellhiex ufficcju u jiena kont niddejjaq immur ghandha d-dar fil-presenza tal-familja taghha nitkellmu fuq progetti li kelli f'idejja u kienet din ir-raguni l-ghala jiena ma komplejtx bis-servizzi taghha u xejn aktar" (fol. 125). Tabilhaqq jkollu jinghad li s-socjeta` appellanti tittanta tappilja ma' kull tibna biex teghleb l-istat tas-sokkombenza taghha. Tentattivi bhal dawn ma jistghux hlief jircievu dizfavur minn din il-Qorti ghax ihallulha toghma ta' pretesti jew stratagemmi intizi biex, akkost ta' kollox, u kontra kull ragonament prudenti, din il-Qorti takkolji xi wiehed mill-ilmenti taghha anke meta l-fatti jew il-principji ta' dritt dan ma jissufragahx.

Ghall-motivi kollha superjorment dedotti l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' dan il-gudizzju kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------